# Termini u Kundizzjonijiet tal-Konkors Letterarju 2020

# tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun

- Konkors miftuħ għall-persuni kollha, **ta' kull età**, minn tfal sa adulti.
- Kull silta/rakkont trid tkun bejn **800 u 2000 kelma**. Fil-każ tal-poeżija mhux aktar minn **30 strofa**.
- Napprezzaw jekk tibgħat kopja x-xogħol ukoll permezz ta' email fuq chircop.sean@gmail.com
- Kull konkorrent jista' jibgħat sa' żewġ xogħlijiet letterarji (agħżel liema kategorija/i trid).
- Importanti li kull kitba tkun oriġinali.
- Kull kitba jkollha biss psewdonimu. L-isem, l-indirizz, l-età u l-psewdonimu tal-kittieb iridu jkunu f'envelop apparti (jekk se tintbagħat bil-posta).
- Is-sottomissjonijiet iridu jaslu l-Kunsill Lokali taż-Żejtun sa' nhar **is-Sibt, 22 ta' Frar, 2020**.
- Kull kitba tiġi eżaminata minn ġurija indipendenti u l-verdett tal-ġurija huwa wieħed finali.
- Jingħata **ċertifikat** lill-parteċipanti kollha.
- **Jingħata premju ta' 50 ewro**, forma ta' kupun, lill-aħjar kitba f'kull kategorija, imqassmin hekk:
    - l-aħjar rakkont b'Malti standard,
    - l-aħjar poeżija,
    - l-aħjar xogħol letterarju (rakkont u/jew poeżija) għall-persuni taħt it-18-il sena,
    - l-aħjar kitba bid-djalett Żejtuni
- Jingħata t-**Trofew Lino Psaila** lill-aħjar kitba bid-djalett Żejtuni.
- Jingħata t-**Trofew Frans Baldacchino (il-Budaj)** lill-poeżija li tikseb l-ogħla punteġġ.
- Siltiet mill-kitbiet u poeżiji sottomessi jinqraw nhar id-**19 ta' Marzu**, waqt is-serata ta' Ġieħ iż-Żejtun, fejn dak in-nhar jingħataw ukoll il-premjijiet.
- Waqt is-serata Mużiko-Letterarja jiġi ppubblikat ktejjeb bix-xogħlijiet letterarji kollha li jieħdu sehem, jekk dawn jilħqu l-kriterji mixtieqa u ma jwasslux messaġġ ta' mibegħda.
- Kull kitba tiġi skwalifikata mill-bord jekk ma timxix mar-regoli ta' hawn fuq jew jekk il-kittieb jikxef l-identità tiegħu/tagħha.
- It-titli tal-konkors jinsabu fuq il-poster mehmuż.

**Konkors organizzat mill-Kunsill Lokali taż-Żejtun fuq inizjattiva tat-Taqsima għall-Kultura, l-Istorja u t-Turiżmu, immexxija mill-Kunsillier Sean Chircop**

IŻ-ŻEJTUN
Città' Beland